# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Talba Nru: 227/2021JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**Avukat Dottor Mary Grace *sive* Grazielle Buhagiar gja' Debono Roberts (K.I. 0144775(M))**

**Vs**

**Raymond Debono Roberts (K.I. 0302972(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2021[1], l-attriċi talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara u jordna li l-konvenut iħallasha l-ammont ta' tlett elef, mija u sebgħa u disgħin Ewro u tmintax il-ċenteżmu (€3,197.18) riżultanti minn kuntratt

[1] A fol 1 *et seq.*

ta' separazzjoni kif dettaljatament spejgat fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri u imgħax;

Ra d-dokument anness mal-Avviż[2];

Ra r-risposta tal-konvenut[3] permezz ta' liema huwa laqá għat-Talba billi eċċepixxa li l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, li kien hemm ftehim verbali li varja l-kuntratt ta' separazzjoni u li mingħajr preġudizzju, huwa ma setax iħallas l-ammont allegatament dovut minħabba impossibilitá li jagħmel dan, naxxenti minn mandat ta' sekwestru magħmula mill-attriċi.

Ra l-affidavit tal-attriċi[4];

Ra n-nota tal-attriċi kontenenti aktar dokumentazzjoni[5];

Ra l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti hemm annessi[6];

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tal-avukati difensuri, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif ordnat[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

---

[2] Dan jibda a fol 6 tal-proċess.
[3] A fol 18 tal-proċess.
[4] Ippreżentat permezz ta' nota li tinsab a fol 22 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 28 tal-proċess.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 45 tal-proċess. Din ġiet ippreżentata fis-6 ta' Ġunju 2022.
[7] Magħmula fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2022.

Illi din il-kawża ma tirrappreżentax tant diffikultà daqs kemm ittanta bid-difiżi jagħti x'jifhem l-konvenut bid-difiżi mhux linjari tiegħu.

Illi fi ftit kliem, il-provi jistgħu jiġu rijepilogati kif ġej.

Illi l-attriċi xehdet permezz t'affidavit datat 20 ta' Novembru 2021. Hawnhekk tikkonferma bil-ġurament kemm l-ammont mitlub u r-raġuni l-għala, liema raġuni hija dettaljatment mitkuba fl-Avviż promotur. Dak mitlub huwa naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' Lulju 2010 u li kien ġie eżebit mal-Avviż[8]. Tikkonferma li l-ammont indikat għadu dovut fl-intier tiegħu.

Illi l-konvenut ukoll għażel li jixhed permezz t'affidavit. Hawn jgħid li huwa kien dejjem ta' sostenn morali fiż-żwieġ imkisser u li skond hu kien hemm xi forma ta' ftehim verbali fejn il-manteniment kellu jiġi varjat wara li kien ħa sehem attiv fil-bejgħ ta' propjeta'. Jgħid li l-attriċi kienet aċċettat iżda mbagħad marret lura minn kellmtha. Jgħid li hu m'għandux finanzi.

Illi magħmul dan ir-riassunt, it-Tribunal verament iqis li m'għandux jinvesti żżejjed fl-aspetti legali ta' dan il-każ. Qabel xejn peró iqis li għandu jagħmel rimarka u rikjam lejn il-mod ta' kif ġie redatt l-affidavit tal-konvenut. Dan ġie miktub (fis-sens li letteralment mitkub u mhux dattilografat) fuq karti tal-Qorti tal-Maġistrati, u għandu żewġ dati differenti. L-ewwel faċċata għandha data tat-12 t'April 2021[9]. It-tieni faċċata għandha data tat-13 ta' April 2021[10]. **Dan ifisser li meta l-proċeduri odjerni ġew preżentati fit-2 t'Awwissu 2021, il-ħalfa tal-affidavit tal-konvenut ai fini ta' dawn il-proċeduri kienet diġa seħħet!**

[8] Irid jingħad li dan reġa ġie eżebit permezz ta' nota datata 18 ta' Jannar 2022.
[9] A fol 46 tal-proċess.
[10] A fol 47 tal-proċess.

Illi għal dan it-Tribunal dan huwa akkadut ċensurabbli u qagħad lura milli jieħu provvedimenti aktar qabel matul dan il-proċess sempliċement sabiex dawn ma jittawlux atkar. It-Tribunal ikollu jerġa' jirreġistra li l-informaliżmu li jidher li ħakem l-operat tiegħu tul medda twila ta' snin għadu qiegħed jimmanifesta ruħu[11].

Illi apparti dan il-fatt, il-kontenut tal-affidavit huwa totalment irrelevanti u ma jirrispekjax frankament il-vot tal-liġi[12]. Din tal-lum m'hijiex proċedura quddiem il-Qorti tal-Familja, iżda hija sempliċi proċedura fejn qiegħed jintalab ħlas għal dak dovut skond kif pattwit bejn il-kontendenti. Kwistjonijiet li ġenerlament jiġu ventilati f'xi proċedura ta' separazzjoni m'għandhom x'jaqsmu xejn[13].

Illi jekk il-konvenut dehrlu li ma setax aktar jonora dan il-ftehim magħmul minnu b'mod bonarju, allura s-soluzzjoni m'hijiex li huwa jieqaf iħallas b'mod totali iżda jutilizza il-proċeduri kontemplati fil-liġi sabiex jittanta jirrimedja s-sitwazzjoni tiegħu[14]. Ma jistax jippretendi pero li dan it-Tribunal ma jagħtix effett għal dak kuntrattat minnu għar-raġunijiet imfissra minnu[15] ġialdarba ma hemm l-ebda prova li b'xi mod tattakka xi vizzji f'dak il-kuntratt, jew xi proċeduri oħra.

---

[11] Dan it-Tribunal, diversament presedut, ilu issa għal snin sħaħ jissenjala dan il-perikolu. Fost ħafna, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fil-provvediment **Vodafone Malta Limited vs Zisa Logistics Malta Limited** (Tlb Nru: 49/2018KCX) deċiża minn dan it-Tribunal kif hemm presedut nhar il-10 ta' Lulju 2019. Dik is-sentenza ġiet riferuta wkoll fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antoinette Duffin vs Shaun Zammit** (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nar is-16 ta' Settembru 2021.

[12] Riferenza hawn issir għall-artikolu 556 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[13] F'dan is-sens, u b'mod iffukat dwar il-kompetenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji ordinarji, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **A Aic vs B C Aic**, (Rik Ġur Nru: 161/2013) deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar il-20 ta' Marzu 2014.

[14] Sa fejn huwa hekk applikabbli, wieħed huwa mistieden jara bħala eżemplari, dak li ġie studjat u enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB,** (Ċit Nru: 11/2013) mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-30 ta' Mejju 2013. It-Tribunal jissenjala wkoll dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB,** (Rik Nru: 182/2013) mogħtija mil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-21 ta' Mejju 2020.

[15] Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għar-regola li temerġi mill-artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi finalment sa fejn il-konvenut jargumenta fit-trattazzjoni tal-għeluq li dan it-Tribunal għandu jutilizza l-ekwitá bħala l-kalibru sabiex jasal għal din id-deċiżjoni, tajjeb jiġi mfakkar li għalkemm dan il-Tribunal huwa munit b'fakoltá ekwitattiva, l-istess kejl m'għandux jiġi utilizzat sabiex jivvjola normi pożittivi tal-liġi. Jinsab ġustament ritenut li d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[16]. Ta' spiss quddiem dan it-Tribunal jiġi utilizzat argument simili. L-ekwitá isservi sabiex tikkulmina xi nuqqasijiet sostantivi iżda mhux tagħmel tajjeb għal nuqqas assolut tagħhom. F'dan il-każ, id-difiża tal-konvenut, li hija kemmxejn sparpaljata, ma tistax tgħinu u bil-fatt akbar li naqas milli jipprova hu stess dak allegat minnu, dan it-Tribunal ma jarax li l-utilizzar tal-kejl ekwittativ huwa t'għajnuna għalih.

Illi t-Tribunal ma ngħatalu xejn sabiex tirnexxi t-teżi tal-konvenut, salv il-kelma tiegħu[17]. Sa fejn imbagħad, donnu b'xi mod konfuż, il-konvenut jallega t-tpaċija legali, allura qajla hemm għalfejn jingħad li ma mexxiex b'kontro-talba

---

[16] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

[17] F'dan is-sens utli l-kliem li jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi** fejn ġustament jispjega li *"Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte."* – CEDAM, 2009, a fol 172. Utli wkoll isir riljev għas-sentenza fl-ismijiet **Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et** (Rik Ġur Nru: 153/08 JZM) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (appell deżert). Dik il-Qorti kienet ukoll qalet hekk: "*Jekk Roc-A-Go Crane Services Limited u l-kjamati fil-kawza dehrilhom li t-transazzjoni bejn l-atturi u Paza Limited seta` kellha effett fuq id-difiza taghhom kontra l-istanza attrici, kien messhom talbu li jipprezentaw risposta ulterjuri fejn iressqu l-eccezzjoni taghhom. Minn dan m`ghamlu xejn. Jekk Roc-A-Go Crane Services Limited u l-kjamati fil-kawza kellhom interess ikun jafu l-import tat-transazzjoni, kien messhom ghamlu d-domandi opportuni lill-atturi waqt il-kontroezami, jew jipproducu lill-atturi bhala xhieda taghhom. Minn dan ma ghamlu xejn. Minflok illimitaw ruhhom ghal kongetturi li m`ghandhomx valur probatorju".*

appożita[18]. Dan it-Tribunal ikollu jistqar li lanqas l-kuntratt eżebit minnu ma jagħti x'jifhem dak li jrid il-konvenut.

Illi tajjeb li jiġi mfakkar li eċċezzjoni, bħal talba, tibqa biss mera allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova konvinċenti.[19] Ċertament illi ma għandux ikun it-Tribunal illi jagħmel dak li parti għandha tagħmel f'kawża.[20]

---

[18] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dorror Kevin Dingli *noe et* vs Surgiquip Ltd,** (App Ċiv Nru: 1316/1998/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' Diċembru 2003.

[19] Kif tajjeb jgħid il-ġurista Francesco Ricci fl-opra tiegħu **Commento al Codice di Procedura Civile Italiano** *"Il convenuto puó difendersi in doppio modo; respingendo ċioé semplicement le contrarie pretese, ovvero elevando altre pretese che elidano quelle dell' attore. Nella prima iportesi, nulla affera, ma nega quanto ha aserito l'attore; quindi a lui non puó farsi carico di prova alcuna. Nella seconda invece, il convenuto non solo nega, ma afferma a sua volta; ed é giusto che tale affermazione, in omaggio al principio d'eguaglianza, non proca effetto se non sia provata"* – Vol II, Delle Prove, Delle Sentenze e Dei Mezzi Per Impugnarle, Eugenioe e Filippo Cammelli, 1886, a fol 9. Mix-xena lokali mbagħad issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Crystal Clean Ltd vs Apparea Ltd,** (App Inferjuri Nru: 124/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Settembru 2022 fejn, bi qbil mat-Tribunal qalet hekk: *"It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal".*

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet **F. Advertising Limited vs Simon Attard et** (Appell Ċivili Nru: 866/2007/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-21 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilita` tal-provi hi dejjem mhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvinċenti".*

F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal

Għaldaqtsant it-Tribunal, filwaqt li jinsab jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jilqá t-talba tal-attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef, mija u sebgħa u disgħin Ewro u tmintax il-ċenteżmu (€3,197.18) bl-imgħax legali li mit-2 ta' Awwissu 2021 u ċioé id-data tal-preżentata tal-Avviż odjern sad-data tal-pagament effettiv[21].

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma kollha a karigu tal-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[21] Dan qiegħed jiġi deċiż hekk minħabba dak li jistipula l-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kuntratt huwa sieket dwar il-kwistjoni tal-imgħax. Ukoll, l-artikolu 1130 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta irid jinqara fid-dawl tal-artikolu 1141. It-Tribunal jirrimarka wkoll li għalkemm saret senjalazzjoni fit-trattazzjoni tal-għeluq għal xi atti ġudizzjarji li ġew preżentati qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri, l-istess ma ġewx eżebiti in atti. B'hekk dan it-Tribunal m'huwiex sejjer iqishom ai fini ta' dekorriment t'imgħax. Dawn lanqas biss issemmew fl-Avviż promotur, u lanqas ingħata xi tagħrif dwarhom. B'dan kollu reġistrat mill-provi in atti huwa dan l-Avviż li tista tissejjaħ bħala interpellazzjoni għal ħlas.